MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 198/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Victor Gauci**

Il-Qorti,
Rat li l-imputat Victor Gauci ta’ 55 sena, bin John Mary u Marie nee’ Agius, imwieled San Pawl il-Bahar nhar il-5 ta’ Frar, 1955, residenti fil-fond numru “Il-Mielah” Farm House, Triq E Pinto San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 252950M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar il-20 ta’ Ottubru 2005, gewwa l-Bisqra, limiti tal-Ghadira, Mellieha ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghodu (07.30):

a) Uza vjolenza sabiex gieghel lil xi hadd u jigifieri lil Mario Buhagiar halli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, u dan bi ksur tal-artikolu 251 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Fl-istess data, hin u cirkostanzi bil-fomm bil-fomm hedded b’xi delitt u ta ordni jew kondizzjoni;

c) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Fl-istess data, hin u cirkustanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta’ Mario Buhagiar kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta’ arma tan-nar jew immitazzjoni ta’ arma regolari bi ksur tal-Artikolu 26(a) tal-Kap 66;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Mejju 2007 (esebit *a folio* 15 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li allegatament sehh fl-20 ta’ Ottubru 2005 fl-ghelieqi gewwa l-Bisqra, fil-limiti tal-Ghadira bejn l-imputat Victor Gauci li kien qed jonsob fid-

dura tieghu u l-kwerelanti Mario Buhagiar u huh Josef Buhagiar u missieru George Buhagiar. Il-missier George Buhagiar u uliedu Mario u Josef lkoll xehdu quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tat-22 ta’ Gunju 2007. George Buhagiar qal li f’Ottubru 2005 huwa kien ghamel rapport lil Pulizija li l-imputat kien kissirlu l-mansab u beda’ jispara fl-ajru. Huwa izda qal li ghalkemm kien sab il-mansab imkisser ma kienx ra lill-imputat ikisru u xehed ukoll li l-imputat ma kien rah jaghmel xejn. Josef Buhagiar xehed li f’Ottubru 2005 huwa kien mar jonsob ma’ missieru l-Ghadira fejn sabu l-mansab taghhom kollu mkisser. Huwa qal li meta mar jivverifika jekk il-mansab l-iehor li kellhom kienx ukoll miksur u sab li dan ma kellu xejn ra lill-imputat qed jonsob u huwa ghalhekk qaghad jaghmel l-istorbju sabiex ma jhalliex lill-imputat ikompli jonsob. Huwa xehed ukoll li sussegwentement wasal huh Mario fuq il-post u qal lli ra lill-imputat jipponta s-senter lejn huh (Mario Buhagiar) u semghu jghidlu sabiex jitlaq l-hemm ghaliex inkella kien ser jisparalu. Dan ix-xhud spjega li huwa imbaghad resaq lejn huh u qallu sabiex jersaq l’hemm ghaliex kellhom jaslu l-Pulizija fuq il-post. Dan ix-xhud kkonferma wkoll li missieru George Buhagiar ghandu kwistjoni mal-imputat dwar il-mansab fejn sehh l-incident. Mario Buhagiar xehed l gurnata f’Ottubru 2005 missieru George Buhagiar cempillu sabiex jghidlu li sab il-mansab imkisser u meta huwa mar fuq il-post sab lil huh Josef u kien hemm ukoll l-imputat li kien qed jonsob u dan qabad is-senter ippuntah lejn wiccu u qallu ersaq lura ghax noqtlok u huwa ghalhekk resaq lura u l-imputat baqa’ hdejn il-hajt sakemm gew il-Pulizija.

L-imputat xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010 fejn spjega li fid-data tal-allegat incident huwa kien qed jonsob fid-dura tieghu fil-limiti tal-Ghadira fejn kien ilu jmur ghal madwar erbghin sena meta ra lil ta’ Buhagiar nezlin bil-karozza u mbaghad sema l-ghajjat. Huwa qal li hu ma kellimhomx u ra lit-tifel hdejn il-hajt tal-ghalqa u lil missier jitlaq minn fuq il-post sabiex imur ghand il-Pulizija. L-imputat qal ukoll li t-tifel beda’ jhabbat fuq tank u jaghmel l-istorbju sabiex ma jhallihx jonsob u huwa ghalhekk qallu sabiex ma jaghmilx vendikazzjonijiet ghaliex huwa ma kienx ghamlilhom xejn. L-imputat xehed

li f'dan l-istadju huwa sema' lil wiehed mill-ahwa Buhagiar icempel lil huh u jghidlu jgib is-senter mill-karozza sabiex jisparawlu. Huwa qal li baqa' fid-dura u mbaghad ra lil wiehed mill-ahwa Buhagiar gej lejh u beda' jghidlu sabiex jisparalu izda huwa baqa' ma kellmux u Buhagiar qaleb ix-xibka li kien hemm fil-mansab u huwa mbaghad qallu sabiex johrog il-barra u huh beda' jghajjatlu u jghidlu johrog u javzah li l-imputat kellu senter. Huwa sostna li Buhagiar baqa' riesaq lejh u kien ser jaqbad jaqliblu d-dura u huwa ghalhekk rega' qallu sabiex johrog il-barra u beda jibza li ser jehodlu s-senter u jisparalu. Huwa izda ammetta li hadd mill-ahwa Buhagiar ma kellu senter fuqu u spjega li dak li kien riesaq lejh qabad gebla u qaghad bil-qeghda fuqha f'nofs l-ghalqa u kien biss meta ra lil Pulizija gejjin fuq il-post li hareg mill-ghalqa. L-imputat qal li huwa kellu licenzja sabiex izomm is-senter u fil-fatt esebixxa kopja tal-istess licenzja liema dokument jinsab inserit a a fol. 74 sa 76 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'hames imputazzjonijiet, bi tnejn minn dawn l-imputazzjonijiet, u cioe' dawk immarkati bhala 'c' u 'd' jirrigwardaw pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Pulizija. Irid jigi rilevat li l-arma li allegatament l-imputat kellu fil-pussess tieghu dakinhar tal-incident qatt ma giet esebita, l-anqas formalment, f'dawn il-proceduri. Inoltre mid-dokumenti esebiti mill-imputat jirrizulta li fid-data tal-incident l-imputat fil-fatt kellu licenzja sabiex igorr arma tan-nar ghal skopijiet ta' kacca u mill-provi rrizulta li huwa fil-fatt kien qieghed jonsob meta nqala' l-incident de quo. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati ta' pussess ta' arma tan-nar jew ta' munizzjon minghajr il-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija stante li mill-provi fil-fatt jirrizulta il-kuntrarju.

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' vjolenza kontra l-privat kontemplat fl-Artikolu 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li huwa uza vjolenza sabiex igieghel lil Mario Buhagiar jonqos milli jaghmel jew sabiex jaghmel xi haga. Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' theddid

ta’ delitt bil-fomm u cioe’ r-reat kontemplat fl-Artikolu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Permezz tal-hames akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat  kontemplat fl-Artikolu 26(a) tal-Kap. 66 u cioe’ li waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta’ Mario Buhagiar huwa kellu fil-pussess tieghu arma regolari jew munizzjon. Jibda sabiex jinghad li l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar dak li effettivament gara dakinhar tal-allegat incident, u cioe’ l-verzjoni moghtijia mill-ahwa Buhagiar min-naha l-wahda fejn dawn qed isostnu li l-imputat ipponta is-senter lejn Mario Buhagiar u heddu li kien ser jisparalu jekk ma johrogx il-barra mill-ghalqa u l-verzjoni moghtija mill-imputat min-naha l-ohra fejn dan qed isostni li huwa ma qal xejn u ma kellimx lill-ahwa Buhagiar u fejn jghd li kien Buhagiar li beda jersaq lejh u jghidlu sabiex jisparalu. Il-Qorti li semghat kemm lill-ahwa Buhagiar kif ukoll lill-imputat jixhdu viva voce quddiemha jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-ahwa Buhagiar u dan ghaliex huma kienu ferm aktar konsistenti fix-xhieda taghhom filwaqt li l-imputat kien a tratti inkoerenti fix-xhieda tieghu fejn f’mumenti beda jsostni li sema lil wiehed mill-ahwa Buhagiar icempel lil huh u jghidlu igib is-senter mill-karozza sabiex jisparawlu izda mbaghad ftit minuti wara jammetti li hadd mill-ahwa Buhagiar ma kellu senter f’idejh u jghid li huwa beza’ li wiehed minhom kien ser jehodlu s-senter minn idejh u jisparalu bih. Huwa inoltre l-ewwel isostni li wiehed mill-ahwa beda javvicinah bl-herra izda mbaghad jghid li dan qabad gebla u pogga bil-qieghda fl-ghalqa sakemm gew il-Pulizija minghajr ma ghamillu xejn. Irid inoltre jigi rilevat li minn imkien mill-provi ma rrizulta li f’xi hin l-imputat kien ghamel rapport dwar it-theddid li huwa qed jallega li sar fil-konfronti tieghu minn wiehed mill-ahwa Buhagiar. Il-Qorti qeghda ghalhekk taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-ahwa Buhagiar dwar dak li effettivament gara.

Il-Qorti izda jidrilha li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fit-tieni u fil-hames imputazzjoni izda mhux fl-ewwel imputazzjoni. Mill-provi fil-fatt jirrizulta li l-imputat hedded lil Mario Buhagiar li kien ser jisparalu bis-senter u cioe’ hedded bil-fomm lil Mario Buhagiar li kien ser jaghmel

delitt izda ma jirrizultax li huwa uza vjolenza sabiex igieghel lil Buhagiar jaghmel xi haga. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni u tal-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li kien hemm element ta' provokazzjoni min-naha tal-ahwa Buhagiar fis-sens li wiehed minnhom beda jaghmel hafna storbju sabiex itellef lill-imputat milli jkompli jonsob kif ukoll l-isfond ta' tilwim li kien hemm bejn il-partjiet u jidrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 249(1) u (2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba' xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tnax (12) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12) il-xahar millum taht penali ta' €500 milli jimmolesta jew jivvessa lil Mario Buhagiar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------